**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**
***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 21 TA' GUNJU, 2002**

**Numru: 34**

**Avviz Nru: 1312/01AE**

**Allied Newspaper Ltd**

**Vs**

**Keith Abela Fitzpatrick**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' erbgha mija u dsatax-il lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm419.28) hlas dovut ghal servizz ta' reklamar li gie moghti lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat,  ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha lill-avukat Dr. Noella Grima in rapprezentanza tas-socjeta attrici, tikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' erbgha mija u dsatax-il lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm419.28), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur**